MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-22 ta' Mejju, 2008

Numru 1442/1992/1

Carmelo *sive* Charles **ELLUL SULLIVAN** bħala Direttur għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' J. Cachia Caruana Limited

**vs**

**IL-KONTROLLUR TAD-DWANA**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fl-14 ta' Diċembru, 1992, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-attur *nomine* talab li l-Qorti tikkundanna lill-imħarrek iħallas u jirrifondi lill-kumpannija attriċi s-somma ta' erbat elef erba' mija u sbatax-lira Maltija (Lm 4,417)[1] li l-imħarrek ġabar mingħandha bla ma kien mistħoqq bħala *levy* allegatament dovuta għad-dħul f'Malta ta' konsenja ta' *salted crackers*. Talab ukoll il-kundanna għall-ħlas tal-ispejjeż tal-kawża u tal-imgħax b'seħħ mill-31 ta'

[1] Li jġibu s-somma ta' € 10,288.84 fi flus tal-lum

Diċembru, 1991, u b'riżerva ta' kull azzjoni oħra għad-danni;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-imħarrek fil-15 ta' Marzu, 1993, li biha, filwaqt li stqarr li s-somma mitluba kienet tħallset għalxejn mill-attur *nomine,* laqa' għall-azzjoni attriċi billi qal li l-kawża saret għalxejn minħabba li, żmien qabel ma nfetħet, hu kien ta ordni biex l-ammont imsemmi jitħallas lura lill-attur *nomine*, iżda kien irriżulta li l-flus ma setgħux jintbagħtu lill-istess attur *nomine* minħabba li kienu nħarġu Mandati ta' Sekwestru fuq l-imsemmija somma u l-ħlas ma setax isir sakemm tali Mandati kienu fis-seħħ. Jgħid li lill-attur *nomine* kien għarrfu b'dan kollu b'ittra uffiċjali sa minn żmien qabel ma nfetħet din il-kawża;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet ulterjuri mressqa fl-4 ta' Novembru, 1996, li biha l-imħarrek qanqal il-kwestjoni tan-nuqqas ta' interess ġuridiku fl-attur *nomine*, minħabba li qal li l-kumpannija attriċi kienet diġa' ġabret is-somma minnha mitlba f'din il-kawża meta biegħet il-merkanzija lill-konsumaturi u saħansitra għamlet qligħ minn dak il-bejgħ;

Rat il-verbali kollha tas-smigħ bejn is-16 ta' April, 1993, u l-20 ta' Mejju, 2002, li bihom il-kawża kienet qegħda titħalla biex tistenna l-eżitu ta' kawżi oħrajn li jolqtu l-mertu ta' din il-kawża;

Rat id-degriet tat-30 ta' Ottubru, 2002, li bih din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta;

Rat id-degrieti tagħha tal-20 ta' Mejju, 2003, u tas-7 ta' Mejju, 2004, li bih ordnat lill-attur *nomine* jressaq il-provi li kellu bil-meżż tal-affidavit;
Rat il-provi mressqa mill-attur *nomine* bl-affidavit;

Rat id-degriet tagħha tad-9 ta' Novembru, 2006, li bih iddikjarat magħluq l-istadju tal-ġbir tal-provi u tat lill-partijiet il-fakulta' li jressqu s-sottomissjonijiet tagħhom b'noti ta' osservazzjonijiet;

Rat il-verbal tas-smigħ tat-13 ta' Frar, 2007, li bih l-imħarrek iddikjara li kien sejjer jirregola ruħu dwar il-ħlas mitlub mill-kumpannija attriċi;

Rat in-Nota mressqa mill-imħarrek fit-8 ta' Awissu, 2007[2], li biha għarraf lill-Qorti li, fis-26 ta' Lulju, 2007, huwa kien iddepożita s-*sorte* u l-imgħaxijiet dovuti permezz ta' Ċedola ta' Depożitu taħt l-awtorita' tal-Qorti;

Rat in-Nota mressqa mill-attur *nomine* waqt is-smigħ tas-17 ta' Jannar, 2008, li biha ċeda l-atti tal-kawża fil-mertu imma żamm sħiħa t-talba tiegħu dwar il-kap tal-ispejjeż;

Rat in-Nota ta' Riferenzi mressqa mill-imħarrek fit-13 ta' Frar, 2008[3], dwar il-kwestjoni tal-kap tal-ispejjeż;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-avukati tal-partijiet;

Rat id-degriet tagħha tal-20 ta' Frar, 2008, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar il-kap tal-ispejjeż;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal ħlas lura ta' somma mħallsa indebitament. Il-kumpannija attriċi kienet intalbet biex tħallas *levy* sabiex merkanzija (konsistenti f'*salted crackers*) li hija ġabet minn barra minn Malta tkun tista' tbiegħha fis-suq lokali. Billi l-imħarrek ma riedx jirrilaxxa l-merkanzija qabel ma jsir il-ħlas tal-imsemmija *levy*, il-kumpannija attriċi kellha tħallasha taħt protest għaliex kienet tgħid li ma kien dovut l-ebda levy dwar dik l-għamla ta' merkanzija;

Illi, l-imħarrek jistqarr li l-kumpannija attriċi kellha raġun tgħid li l-ebda *levy* ma jmissha nġabret fuq dik il-merkanzija, u jżid jgħid li hu kien ta ordni biex is-somma miġbura titħallas lura lill-kumpannija attriċi. Iżda l-ħlas ma setax isir mhux bi ħtija tiegħu, għaliex ġara li kontra dik il-kumpannija kienu nħarġu Mandati ta' Sekwestru li żammew lid-dipartiment milli jibgħat is-somma mitluba;

[2] Dok "KD1" f'paġġ. 103 – 7 tal-proċess
[3] Paġġ. 112 sa 181 tal-proċess

Illi minħabba li l-partijiet, wara tul ta' snin u stennija ta' sentenzi f'kawżi oħrajn bejniethom, waslu biex temmew il-kwestjoni fil-mertu meta l-kawża kienet diġa' tħalliet għat-trattazzjoni tal-għeluq, din il-Qorti qegħda tagħti s-sentenza fuq il-kwestjoni ta' mkin għandu jerfa' l-piż li jħallas l-ispejjeż tal-kawża. Fuq dan il-punt, il-partijiet baqgħu ma waslux fi ftehim;

Illi biex il-Qorti tkun f'qagħda li tasal biex tiddeċiedi din il-kwestjoni li fadal, jidher xieraq li jissemmew xi fatti rilevanti li joħorġu mill-atti. Fil-15 ta' Settembru, 1991[4], waslet f'Malta mill-port ta' Anversa fil-Belġju l-kunsinna mertu tal-każ. Fuq il-Formola tad-Dħul maħruġa mid-Dwana, tniżżel li dik il-kunsinna kienet suġġetta għal ħlas ta' dazju fis-somma ta' Lm 951 u fl-ammont ta' Lm 4417 bħala *levy*. Il-kumpannija attriċi ħallset dawk l-ammonti minkejja li kienet ittenni li l-ebda *levy* ma kellu jitħallas fuq dik l-għamla ta' merkanzija. F'Diċembru tal-1991[5], il-kumpannija attriċi talbet lill-imħarrek iħallasha lura l-*levy* miġbur. Fil-31 ta' Diċembru, 1991, il-kumpannija bagħtet ittra uffiċjali lill-imħarrek biex titolbu jħallas l-ammont flimkien mal-imgħax dovut. Il-kawża nfetħet fl-14 ta' Diċembru tal-1992;

Illi fis-26 ta' Lulju, 2007[6], l-imħarrek iddepożita b'ċedola imressqa fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili s-somma ta' Lm 8967.67 li tirrappreżenta s-somma mitluba fl-Att taċ-Ċitazzjoni, ammont daqsha bħala imgħax miġmugħ fuq l-imsemmija somma, u Lm 135.67 bħala spejjeż u drittijiet dwar l-istess ċedola. Fis-17 ta' Jannar, 2008, il-kumpannija attriċi, wara li seħħilha tisbanka l-imsemmija somma, ċediet l-atti tal-kawża fil-mertu, imma żammet sħiħ il-kap tal-ispejjeż;

Illi dwar l-aspett legali tal-kwestjoni ta' min imissu jerfa' l-ħlas tal-ispejjeż tal-kawża l-Qorti għandha tinqeda bil-gwida li tagħti l-liġi f'dan ir-rigward. Ir-regola hi[7] li min jitlef il-kawża jrid iħallas hu l-ispejjeż marbutin ma' dik il-kawża.

[4] Dok "B", f'paġ. 10 tal-proċess
[5] Dok "A", f'paġ. 9 tal-proċess
[6] Dok "KD1", f'paġġ. 108 – 110 tal-proċess
[7] Art. 223(1) tal-Kap 12

Iżda, f'kull każ, il-Qorti tista' tordna li kull parti tħallas l-ispejjeż tagħha meta kull waħda mill-partijiet tkun telliefa f'xi punt tal-kawża, jew meta jindaħlu kwistjonijiet diffiċli tal-liġi, inkella għal xi raġuni tajba oħra[8]. Iżda dawn ir-regoli m'għandhomx jitqiesu bħala normi ta' dritt tassativi jew inflessibbli li ma jħallux li, f'ċerti każijiet u biex ma ssirx inġustizzja, jkun hemm attribuzzjonijiet oħrajn dwar min ibati l-ispejjeż ta' kawża jew f'liema proporzjon[9]. Saħansitra jitnisslu ċirkostanzi fejn min jirbaħ il-kawża xorta waħda jixraq li jbati l-ispejjeż[10], speċjalment fejn il-kawża tkun saret biss fl-interess tal-parti attriċi u l-parti mħarrka ma jkollha l-ebda ħtija f'dak mitlub (eżempju li jiġi quddiem għajnejna hu l-kawżi fejn wieħed jitlob bdil f'xi att ta' stat ċivili jew kawżi taħt l-artikolu 257A tal-Kodiċi Ċivili, fejn il-liġi nnifisha tgħid li l-parti attriċi rebbieħa tħallas l-ispejjeż tal-kawża kemm tagħha u kemm tad-Direttur[11]). Dan ifisser li xi drabi l-Qorti tkun trid tqis iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ ukoll fejn jidħol il-kap tal-ispejjeż[12];

Illi, mbagħad, fejn bħal fil-każ ta' din il-kawża, il-parti attriċi ċċedi l-atti fil-mertu qabel tingħata s-sentenza, jerġa' jkun hemm lok għall-applikazzjoni ta' soluzzjoni oħra. Normalment, meta l-parti attriċi ċċedi l-atti tal-kawża, hija tbati wkoll il-ħlas tal-ispejjeż ta' dik il-kawża. F'każ bħal dan, l-ispejjeż ikunu mnaqqsa sewwasew minħabba ċ-ċessjoni. Iżda meta l-parti attriċi ċċedi l-atti tal-kawża fil-mertu minħabba li l-parti mħarrka sadattant twettaq dak li jkun intalab mill-parti l-oħra, ir-regola hi li l-ispejjeż jitbatew mill-parti mħarrka. Dan jiġri l-aktar meta dak li l-parti mħarrka tagħmel jew tħallas ikun dak li ntalab minnha fl-att promotur tal-kawża. F'din il-kawża ġara hekk, u mhux biss, għaliex sa mill-bidunett l-imħarrek kien iddikjara li l-ammont mitlub mill-kumpannija attriċi kien tassew dovut, iżda baqa' ma ħallsux sa ħmistax-il (15) sena minn mindu nfetħet il-kawża;

Illi l-imħarrek għadu jtenni li l-kawża saret għalxejn għaliex jgħid li huwa kien għarraf lill-kumpannija attriċi li hija kellha

---

[8] Art. 223(3) tal-Kap 12
[9] App. Ċiv. **15.2.1965** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella vs Debono*** (Kollez. Vol: **XLIX.i.190**)
[10] App. Inf. **10.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Lawrence Ħili vs Louis Hayman***
[11] Art. 257A(5) tal-Kap 16
[12] App. Inf. **16.9.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***HLB Falzon & Falzon vs Josette Xuereb***

raġun titlob il-ħlas lura tal-*levy* miġbur mingħandha. Żied jgħid li hu kien ta struzzjonijiet biex is-somma tintradd lura, imma jgħid li, minkejja fih u minħabba li nħarġu xi mandati kawtelatorji fuq l-imsemmija somma, dak il-ħlas baqa' ma setax isir. Sar biss meta l-mandati tneħħew u s-somma tqiegħdet b'ċedola taħt l-awtorita' tal-Qorti. Huwa jgħid li għalhekk, m'għandux ibati l-ispejjeż kollha tal-kawża. Biex isaħħaħ dan l-argument tiegħu, fit-13 ta' Frar, 2008, l-imħarrek ressaq Nota b'riferenza għal seba' (7) sentenzi mogħtijin matul iż-żmien minn qrati Maltin fi kwestjonijiet bejn l-istess partijiet f'din il-kawża sewwasew fuq il-kwestjoni ta' min kellu jerfa' l-ħlas tal-ispejjeż ta' dawk il-kawżi;

Illi l-Qorti tqis li f'din il-kawża l-imħarrek stqarr li l-ammont mitlub kien dovut lill-kumpannija attriċi. Jirriżulta wkoll li qabel saret il-kawża, il-kumpannija attriċi kienet interpellat uffiċjalment lill-imħarrek biex iħallasha s-somma miġbura indebitament. Għalkemm l-imħarrek jgħid li huwa kien avża lill-kumpannija attriċi li kien ser jibgħatilha l-flus, ma tressqet l-ebda prova li turi li tassew intbagħat xi avviż bħal dan. Jirriżulta li l-mandati ta' sekwestru li l-imħarrek jgħid li żammewh milli jgħaddi l-flus lill-kumpannija attriċi nħarġu mill-imħarrek innifsu f'idejn sekwestratarju li huwa fergħa oħra tal-amministrazzjoni pubblika (l-Accountant General). Kien is-sekwestratarju (li m'huwiex parti f'din il-kawża) li kellu l-obbligu bil-liġi[13] li jiddepożita l-flus dovuti lill-kumpannija attriċi, u mhux l-imħarrek (is-sekwestrant) li ħareġ il-Mandat. Għalhekk, fis-sewwa, t-tieni eċċezzjoni qatt ma setgħet titressaq mill-kreditur li jkun ħareġ il-Mandat;

Illi, b'żieda ma' dan jirriżulta mil-liġi[14] li hemm żmien (ta' sentejn) li fih trid titressaq talba ġudizzjarja għar-rifużjoni tal-*levy*, jekk din tkun tħallset indebitament. Jirriżulta mill-atti wkoll li l-imħarrek (bħala sekwestrant) la talab lis-sekwestratarju (l-Accountant General) biex jiddepożita s-somma sekwestrata taħt l-awtorita' tal-Qorti, u lanqas għamel dak id-depożitu huwa stess sa qabel Lulju tal-

---

[13] Art. 378 tal-Kap 12 li, b'seħħ mill-2006, saħansitra jagħmel lis-sekwestratarju responsabbli għad-danni lejn is-sekwestrant (kreditur) jekk kemm-il darba jonqos li jagħmel id-depożitu fi żmien 21 jum min-notifika lilu tal-Mandat

[14] Art. 1027 tal-Kap 16

2007, meta, kif jidher mill-istess Ċedola ta' Depożitu, xorta waħda jirriżulta li kien hemm mandat ta' sekwestru fis-seħħ;

Illi l-Qorti tifhem ukoll li s-sentenzi li l-imħarrek ressaq fin-Nota ta' Riferenzi tiegħu ġeneralment tennew li l-ispejjeż tal-kawża kellhom jinqasmu bejn il-partijiet. Iżda, filwaqt li f'uħud minnhom, għalkemm ir-rifużjoni kienet ammessa imma qatt ma saret u kellha tingħata sentenza fil-mertu, f'oħrajn kien hemm suriet oħrajn ta' kontestazzjoni kontra t-talba tal-attriċi, liema kontestazzjonijiet ma jirriżultawx f'din il-kawża. Għalhekk, u fiċ-ċirkostanzi partikolari li jirriżultaw minn **din** il-kawża, din il-Qorti ma tħosshiex marbuta mad-diskrezzjoni applikata mill-qrati f'**dawk is-sentenzi** dwar il-qsim tal-ispejjeż bejn il-partijiet;

Illi fid-dawl ta' dawn ir-riżultanzi kollha, u bi tħaddim tar-regoli fuq imsemmija dwar il-kap tal-ispejjeż, il-Qorti ssib li l-imħarrek ma seħħlux juri raġuni tajba għaliex m'għandux jerfa' l-piż li jħallas l-ispejjeż tal-kawża li ma jistax jingħad saret għalxejn min-naħa tal-kumpannija attriċi;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Filwaqt li tastjeni** milli tqis it-talbiet attriċi fil-mertu, fid-dawl taċ-ċessjoni magħmula mill-kumpannija attriċi bin-nota tagħha tas-17 ta' Jannar, 2008;

**Tordna li l-ispejjeż tal-kawża** jitħallsu mill-imħarrek.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------